# *L-ARTI SAGRA*

*Ta'* A. Tabone

IL-LUM irrid nitkellem magħkom fuq argument li ftit jew xejn smajtu bih jew qrajtu fuqu. Dan hu l-*Arti Sagra*.

Hi ħaġa minn awl id-dinja li l-ewwel naraw xi tkun din l-Arti Sagra. Il-kelmiet *Arti Sagra* huma kelmiet Taljani mnisslin, huma wkoll, mill-kelmiet Latini *Ars Sacra*. *Ars* jew *arti* bil-Malti tfisser *sengħa*, (xogħol) u *sacra* tfisser *imqaddsa;* mela, *Arti Sagra* hi dik is-sengħa li tmiss il-ħwejjeġ imqaddsa. Il-maqlub tagħha hi l-*arti profana* u tissejjaħ *profana* mhux għax tmiss tabilfors ħwejjeġ ħżiena jew moqżieża, iżda għax tmiss ħwejjeġ li m'humiex imqaddsa. U biex niftiehmu aħjar sa nġib hawn l-eżempji. Jekk irrid nagħmel inkwatru ta' San Ġużepp jew tal-Madonna, hawn tidħol l-arti sagra għax San Ġużepp u l-Madonna huma ħwejjeġ imqaddsa ; imma jekk irrid nagħmel inkwatru tar-Re jew tar-Reġina, hawn tidħol l-arti profana, għax dawn it-tnejn, dment li ma jkunux iddikjarati qaddisin, m'humiex ħwejjeġ imqaddsa. Jekk irrid nagħmel statwa tal-Qalb ta' Ġesù, hawn tidħol l-arti sagra ; imma jekk nagħmel statwa lil Churchill hawn tidħol l-arti profana għall-istess raġuni. Jekk nibni knisja, zuntier jew ċimiterju, hawn tidħol l-arti sagra ; imma jekk nibni palazz jew skola, hawn tidħol l-arti profana.

Għalkemm, kif għidna, il-kelmiet *Arti sagra* bil-Malti jfissru *sengħa mqaddsa*, dawn il-lum daħlu, tista' tgħid, fl-ilsna kollha. Mhix ħaġa, mela, barra minn lokha, jekk aħna nkomplu nsejħulha *Arti Sagra*.

L-*Arti Sagra* mela, hi dik l-arti li tmiss il-ħwejjeġ imqaddsa, li tieħu ħsieb tkabbar il-qima lejhom u l-iktar lejn id-Dar ta' Alla u, f'ħin wieħed, tgħin u tfisser aħjar it-twemmin nisrani u tħeġġeġ id-devozzjoni ta' l-insara. Għalhekk l-arti sagra ma tikkonsistix biss filli wieħed ikun jaf jibni, inaqqax jew ipitter ħwejjeġ imqaddsa, imma tikkonsisti wkoll filli dak il-bini, l-iskultura u l-pittura li ssir tkun iġġib fiha x-xeħta u s-sura ta' ħaġa qaddisa u li tqanqal fik il-qima lejha u mhux id-daħk u l-għaġeb. Ngħidu aħna, inkwatru jew statwa tal-Madonna għandu jurik li l-Madonna hi mara tas-sema u mhux mara tad-dinja n'eqsa missatra jew imżejna bi tlellix li mhux xieraq.

Issa, sa minn żmien ilu l-pitturi u l-iskulturi bdew iħalltu flimkien il-ħwejjeġ imqaddsa ma' dawk li m'humiex u bdew iqegħduhom saħansitra fid-Dar t'Alla. Jekk naslu wasla salmużejjiet ta' barra minn Malta malajr nintebħu b'dan li qegħdin ngħidu. Il-mużiċisti wkoll kienu bdew idaħħlu d-daqq u strumenti li kienu iktar jixirqu fit-teatri milli fil-knejjes u l-Papa Piju X ried ikun biex jeqred darba għal dejjem dak l-abbuż, li kien daħal fil-knejjes tagħna maltin ukoll. Hekk ukoll il-Papa Piju XI ried ikun biex jiftaħ għajnejn l-Isqfijiet tad-dinja dwar l-abbużi ta' xi pitturi, skulturi u ta' xi mgħallmin oħra li kienu qegħdin isiru ta' sikwit fil-knejjes. Dan il-Papa li semmejna, b'mezz tal-Kardinal Pietru Gasaparri, fiż-żewġ ittri ċirkulari tiegħu tas-sena 1924 u 1925, widdeb kemm felaħ lill-isqfijiet biex ma jħallux it-taħlit tas-sagru mal-profan, jew, fi kliem ieħor, ta' dak li hu qaddis ma' dak li m'huwiex, jew f'kelma oħra, ta' dak li ma jixraqx għad-Dar t'Alla u l-għamara tagħha. Il-Kardinal Gasparri talab ukoll fl-ittri tiegħu biex kullimkien jitwqqfu ġunti, kumitati, kummissjonijiet, jew għaqdiet, sejħilhom kif trid, li jieħdu ħsieb il-ħwejjeġ ta' l-arti li jsiru fil-knejjes u li, għalhekk, għandhom jissejħu ''Kummissjonijiet jew Ġunti ta' l-Arti Sagra''.

Ftit taż-żmien wara dawk iż-żewġ ittri, il-Kummissjoni Ċentrali ta' Ruma dwar l-Arti Sagra, bagħtet xi regulamenti lill-Kummissjonijiet l-oħra tad-dinja nisranija sabiex f'dak li hu bini, tiswijiet, pittura, skultura u għamara oħra tal-knejjes, jimxu fuqhom u ma jħallux lil min joħroġ barra minnhom.

Issa, dawn ir-regulamenti jridu l-ewwelnett li dak kollu li jsir fil-knejjes jkun juri qima u jaqbel mal-kobor u d-dinjità tal-postijiet imqaddsa. Fit-tieni lok iridu wkoll li l-għana, it-tlellix u t-tżjin żejjed jitwarrbu mill-knejjes. Dawn qatt ma kienu meħtieġa, imma bil-maqlub, jiġifieri l-għana meqjus, biex ma ngħidux il-faqar ta' ġieħ, mhuwiex kontra l-kobor u d-dinjità tad-Dar t'Alla. Dawn ir-regulamenti jżidu jgħidu li l-ġmiel tad-Dar t'Alla ma jikkonsistix fi ħwejjeġ li noħolmu bihom jew imwielda mill-fantasija tal-bniedem, jew aħjar, il-ġmiel ma jikkonsistix fi ħwejjeġ foloz, goffi u esaġerati, iżda fi ħwejjeġ naturali, sempliċi u meqjusa. U ħafna affarijiet oħra bħal dawn iridu r-regulamenti li semmejna u li jiena ma hinix ser noqgħod insemmihom hawn minħabba n-nuqqas taż-żmien u tal-wisa'. Iżda ma nistax

inħalli barra xewqa oħra tal-Kardinal Gasparri, dik jiġifieri li l-Kommissjonijiet ta' l-Arti Sagra għandhom jħarrġu lil ħaddieħor, u l-iktar lis-Seminaristi, fl-istess Arti Sagra biex 'il quddiem dawn jkunu jistgħu jieħdu ħsieb u jingħataw b'ruħhom u ġisimhom fil-ħwejjeġ artistiċi tal-knejjes. U l-istess ħaġa talab is-Santu Uffizzju fit-30 ta' Ġunju ta' l-1952, jiġifieri ħames snin ilu.

Issa, nistaqsi jien, kemm nies hawn fostna li jafu b'dawn ir-regulamenti li semmejna? Lanqas biss il-periti tagħna ma jafu bihom, u, b'daqshekk ma rridx noffendihom għax l-istudju ta' l-Arti Sagra hu l-inqas ħaġa li jsir fl-iskejjel tagħna. U jekk dan l-istudju hu nieqes fostna, kif jista' jkun li ħafna mix-xogħolijiet li jsiru fil-knejjes tagħna jsiru skond ma titlob l-Arti Sagra? L-Arti Sagra titlob li dak li jsir dwar il-ħwejjeġ imqaddsa, u l-iktar fil-knejjes, ikun jaqbel mal-ħtiġijiet tal-Liturġija u mal-kobor u l-qdusija tad-Dar t'Alla.

Issa, din il-ħaġa jmissu jħossha u jafha l-qassis aktar minn dawk l-oħrajn li mhumiex midħla tad-Dar t'Alla. Għalhekk dak li jmiss l-Arti Sagra hu ħobż iktar għal snien il-qassis milli għal snien ħaddieħor, għax hu, u hu waħdu, imissu jkun jaf liema huma l-ħtiġijiet tad-Dar t'Alla u x'titlob minna l-insara l-Liturġija Mqaddsa. U sabiex il-pittura, l-iskoltura u l-bini ieħor li jsir fil-knejjes joħroġ sabiħ u kif imiss, minbarra l-istudju ta' l-Arti Sagra hu meħtieġ ukoll l-istudju ta' l-istorja ta' l-Arti Sagra, jiġifieri dak l-istudju dwar in-nisel, il-kif, it-tibdil, l-istil u ċirkostanzi oħra li jolqtu u jmissu l-ħwejjeġ imqaddsa. Hekk biex niftiehmu, kieku wieħed ikun irid ipitter kif imiss jew jonqox, jew jarma l-presepju, kif jista' jkun qatt li dan il-bniedem jasal fil-għan tiegħu bla ma jkun sama' qatt jew qara l-istorja tal-presepju? Dan il-bniedem, għalkemm ikun pittur jew skoltur imsemmi, xejn ma jrid biex lil San Franġisk t'Assisi għar-rkobbtejh quddiem il-Bambin fil-maxtura, jaħsbu xi ajk Kappuċċin li m'għandu x'jaqsam xejn mal-presepju, filwaqt li għandu x'jaqsam ħafna għax San Franġisk kien l-ewwel wieħed li daħħal il-presepju fostna kif narawh fi żminijietna.

Nieħdu eżempju ieħor: wieħed imgħallem ikun irid jibni zuntier modern ta' xi knisja. Kif jista' jkun qatt li dan iz-zuntier

joħroġ tajjeb u sabiħ kif imiss, jekk dan l-imgħallem ma jkunx jaf li l-Arti Sagra ma tridx ħwejjeġ goffi u esaġerati u li l-għoli taz-znieter antiki kien iservi għad-dfin tal-kadavri ?

Għalhekk mhux biss hu xieraq, imma meħtieġ li fil-Kummissjonijiet u fil-Kumitati li jsiru dwar il-ħwejjeġ imqaddsa, ikun hemm dejjem il-qassis, il-qassis ta' l-affari tiegħu, li jkun jista' jsemma' leħnu qabel kulħadd u fuq klħadd dwar dawn il-ħwejjeġ li semmejna. Jekk ma jsirx hekk, jew jekk il-parir tal-qassis għaqli jiġi mwarrab, minn dawk in-nies li jifhmu inqas minnu, ma tistenniex ħlief tgħawwiġ, taħlit, żbalji, tberbiq il-flus u kruha. U din hi waħda mir-raġunijiet ewlienin li l-ġmiel, il-qdusija, il-qima ta' ħafna ħwejjeġ imqaddsa, minflok li jgħaddu 'l quddiem, minn żmien għall-ieħor, sejrin lura.